## Rikors ippreżentat fl-1 ta' April 2013 — M.E.M. vs UASI (MONACO)

**(Kawża T-197/13)**

(2013/C 156/93)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* MARQUES DE L'ÉTAT DE MONACO (M.E.M.) (Monako, Monako) (rappreżentant: S. Arnaud, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-29 ta' Jannar 2013, fil-Każ R 113/2012-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina l-Unjoni Ewropea bit-trade mark verbali "MONACO" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 12, 14, 16, 18, 25, 28, 35, 38, 39, 41 u 43 — Reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina l-Unjoni Ewropea Nru 1 069 254

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni rrifjutata parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 5, 7(1)(b) u (c), u 7(2) tar-Regolament Nru 2007/2009

— It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fl-interpretazzjoni tal-karattru distintiv

— It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjon tal-karattru distintiv

— Ir-raba' motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni, jew fuq motivazzjoni insuffiċjenti, jew fuq kontraddizzjoni tal-motivi fir-rifjut ta' reġistrazzjoni għall-prodotti fil-klassi 9

— Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, kif ukoll tal-Artikolu 296 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minħabba motivazzjoni insuffiċjenti

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' April 2013 — DTM Ricambi vs UASI– Star (STAR)

**(Kawża T-199/13)**

(2013/C 156/94)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* DTM Ricambi Srl (Bologna, l-Italja) (rappreżentant: V. Catelli, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Star SpA (Lodi, l-Italja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-24 ta' Jannar 2013 fil-Każ R 124/2012-1 u tilqa' r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja "STAR", li għaliha saret applikazzjoni bin-Nru 5878038, fil-klassijiet 7, 9 u 12;

— tikkundanna lil Star għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tar-rikorrenti, fir-rigward tal-proċedimenti li saru quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u l-Bord tal-Appell tal-UASI.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva bl-element verbali "STAR" għal prodotti fil-klassijiet 7, 9 u 12

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Star

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark figurattiva Komunitarja bl-element verbali "STAR" għal prodotti fil-klassi 39, trade marks figurattivi nazzjonali u internazzjonali bl-elementi verbali "STAR LODI" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 12, 38, 39 u 42

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni

— «Dilution» tat-trade mark preċedenti